**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 239**
**It-Tlieta, 7 ta' Mejju, 2024 fl-4:00 p.m.**

**KUNSILL MALTI TAL-INFERMIERA U L-QWIEBEL – ĊERTIFIKATI PPREŻENTATI MINN APPLIKANTI MINN PAJJIŻI TERZI**

**17487. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kif qed jiġi żgurat li ċ-ċertifikati ppreżentati lill-Kunsill Malti tal-Infermiera u l-Qwiebel minn applikanti minn pajjiżi terzi, huma veri u minn istituzzjonijiet edukattivi validi?

15/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li bħal f'kull każ fejn jiġi ppreżentatt ċertifikat ta' kwalifika minn istituzzjoni edukattiva barranija, dan irid jkun akkumpanjat minn ċertikat mill-MQRIC li juri li l-istituzzjoni edukattiva hija rikonoxxuta, kif ukoll il-livell tal- kwalifika irrid jiġi iddeterminat.

Seduta 239
07/05/2024

**TOBBA, INFERMIERA U QWIEBEL - SIGĦAT TA' TAĦRIĠ KONTINWU (CPD)**

**17488. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kif qed jiġi żgurat li t-tobba, infermiera u qwiebel jieħdu numru ta' sigħat ta' taħriġ kontinwu (CPD) fis-sena biex ikun żgurat il-kompetenza, is-sigurtà u s-saħħa pubblika? Jista' jgħid ukoll jekk dawn humiex prattiċi li jsiru barra minn xtutna?

15/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nassigura lill-Onor. Interpellant li t-tobba, l-infermiera u qwiebel jieħdu b'serjetà kbira t-taħriġ kontinwu tagħhom.
Għar-rigward tat-tobba, jiġi pprovdut foundation programme għat-tobba ġodda. Jiġi pprovduti training programmes għall-ispecialist trainees fejn anke jsiru annual reviews u assessjar.
Ninsab infurmat li l-Ministeru jgħin lill-ispeċjalisti u l-konsulenti b'fondi biex ikunu jistgħu jagħmlu CPDs.
Anke għar-rigward tal-infermiera u qwiebel, dawn ukoll jiġu mgħejjuna jkomplu jattendu għan-numru ta' taħriġ li jwassal għall-CPD jew programmi akkademiċi li jwasslu għal ċertifikat, diploma, degree, masters u PhD.
Barra minn hekk, hemm taħriġ li hu obbligatorju.
Dawn il-professjonisti, jingħataw l-opportunità li japplikaw għal study leave bi ħlas biex jattendu korsijiet tas-CPD, konferenzi, seminars lokali u internazzjonali jew sabiex isegwu aktar studji fuq livell akkademiku.
Minħabba f'hekk, illum nistgħu ngħidu li s-servizz tas-saħħa offrut minn dawn il-professjonalisti hu wieħed ta' eċċellenza.

Seduta 239
07/05/2024

**MEDIĊINI MORMIJA FL-2023**

**17489. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm mediċini li intremew minħabba li skadew? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża ta' dawn il-mediċini li intremew fl-2023?

15/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li matul 2023 inxtraw mediċini għal total ta' kważi €127 miljun. Matul l-istess sena il-valur tal-mediċini li skadew kien ta' €2.5 miljuni jew 1.97% ta' nefqa totali.
Infurmat ukoll li din ir-rata ta' skadenza tikkompara tajjeb ma' dik f'pajjiżi oħra Ewropej.

Seduta 239
07/05/2024

**RESPITE RESIDENZJALI GĦALL-ANZJANI - SERVIZZI**

**17490. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm servizzi li joffru servizz ta' respite residenzjali għall-anzjani?

15/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratti kollha li jsiru ma' djar tal-anzjani jkopru sodod għal respite. In-numru ta' servizzi jvarja skont il-ħtieġa għaliex sodda ta' respite tista' tiġi wżata għal kura fit-tul. Dan isir skont l-esiġenza.

Seduta 239
07/05/2024

**ANZJANI LI UŻAW IS-SERVIZZ TA' RESPITE RESIDENZJALI**

**17491. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm anzjani li użaw is-servizz ta' respite residenzjali matul is-sena 2021?

15/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kien hemm 124 anzjan/a li użaw is-servizz ta' respite residenzjali matul is-sena 2021.

Seduta 239
07/05/2024

**ANZJANI LI UŻAW IS-SERVIZZ TA' RESPITE RESIDENZJALI**

**17492. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm anzjani li użaw is-servizz ta' respite residenzjali matul is-sena 2022?

15/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kien hemm 187 anzjan/a li użaw is-servizz ta' respite residenzjali matul is-sena 2022.

Seduta 239
07/05/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODOZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17898. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn l-artikli kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninformaw lill-Onor. Interpellant li ma sarx infieq f'dan ir-rigward.

Seduta 239
07/05/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17899. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn l-artikli kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 239
07/05/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17900. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll tipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara artiklu? Tista' tindika wkoll liema minn dawn l-artikli kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma kienx hemm nfieq ta' flus fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru.

Seduta 239
07/05/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17901. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn l-artikli kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li la l-Ministeru u anqas l-entitajiet li jaqgħu taħtu ma nefaq flus fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti.

Seduta 239
07/05/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17902. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn l-artikli kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li ma kienx hemm artikli jew opinjonijiet li sar ħlas.

Seduta 239
07/05/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17903. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn l-artikli kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra n-nefqa għall-ewwel tlett xhur tas-sena.
*(Korrezzjoni: Ara Dokument PL 3744 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 243 ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Mejju 2024)*

Seduta 239
07/05/2024

**DIRETTIVI TAL-UNJONI EWROPEA LI ĠEW IMPLIMENTATI**

**18547. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru tiegħu matul is-sena 2024 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

17/04/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawk id-direttivi li jaqgħu taħt il-Ministru għall-Finanzi u li għandhom terminu ta' skadenza għat-traspo¿izzjoni fis-sena 2024 huma s-segwenti:

| Direttiva | Skadenza |
|---|---|
| Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà | 06/07/2024 |
| Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2023/2775 tas-17 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġġustamenti tal-kriterji tad-daqs għal impriżi jew gruppi mikro, żgħar, ta' daqs medju u kbar | 24/12/2024 |
| Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/542 tal-5 ta' April 2022 li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u (UE) 2020/285 fir-rigward tar-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud | 31/12/2024 |
| Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur mi¿jud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-imprizi ż-żgħar | 31/12/2024 |

Dawn id-direttivi għadhom ma ġewx trasposti fil-liġi nazzjonali u għalhekk huma kollha pendenti.

Seduta 239
07/05/2024

**DIRETTIVI TAL-UNJONI EWROPEA LI ĠEW IMPLIMENTATI**

**18548. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru tiegħu matul is-sena 2024 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

17/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li, sad-data tal-lum, ma hemm l-ebda direttivi li qabżu d-data tal-iskadenza tat-traspożizzjoni.

Seduta 239
07/05/2024

**DIRETTIVI TAL-UNJONI EWROPEA LI ĠEW IMPLIMENTATI**

**18549. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru tiegħu matul is-sena 2024 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

17/04/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li dik id-Direttivi li taqa' taħt il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni u li għandha terminu ta' skadenza għat-traspożizzjoni fis-sena 2024 hija s-segwenti:

| **Direttiva** | **Skadenza** |
|---|---|
| Direttiva 2022/431 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2022 li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol. | 05/04/2024 |

Din id-Direttiva ġiet trasposta fil-liġi nazzjonali u għalhekk m'hemm l-ebda Direttiva li għadha pendenti

Seduta 239
07/05/2024

**IR-RABAT (GĦAWDEX) TRIQ ĠUŻE ELLUL MERCER - XOGĦLIJIET**

**18700. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul din il-Leġiżlatura hux ser titkompla Triq Ġużè Ellul Mercer, fir-Rabat Għawdex, peress li tinsab fi stat ħażin ħafna u fl-aħħar xhur saret biss parti minnha u mhux it-triq kollha kemm hi? Jista' jgħid għala saret parti biss minn din it-triq u ma saritx it-triq kollha kemm hi?

22/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan ix-xogħol se jsir fiż-żmien li ġej.

Seduta 239
07/05/2024

**KUMPANIJI PRIVATI – FONDI EWROPEJ**

**18701. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, l-Ugwaljanza, ir-Riforma u Djalogu Soċjali jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9397 u 12689 u jgħid x'applikazzjonijiet saru minn kumpaniji privati għall-fondi tal-Unjoni Ewropea mill-Baġit 2014-2020? Jista' jgħid taħt liema programmi saru dawn l-applikazzjonijiet u f'kull każ għal xiex kellhom jintużaw il-fondi Ewropej? Jista' jgħid f'liema stadju waslu l-applikazzjonijiet minn dawn il-kumpaniji privati u ċjoè jekk ġewx approvati jew le? Jista' jgħid dawk li ġew approvati, liema kienu u x'inhu l-persentaġġ li joħorġu mill-fondi tal-Unjoni Ewropea u mill-Gvern Malti u jelenka f'kull każ l-isem tal-kumpanija benifiċjarja? Jista' jgħid ukoll kemm hemm applikazzjonijiet pendenti fil-preżent u meta ser jagħlaq dan il-programm?

22/04/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba rigward *Grant Agreements* ma' kumpaniji privati għall-fondi tal-Unjoni Ewropea mill-Baġit 2014-2020 tinsab fit-tabella hawn taħt mehmuża. Fil-preżent ma hemm ebda applikazzjoni pendenti.

| Fond | Rata ta' Ko-finanzjament mill-Unijoni Ewropea % | Għeluq tal-Programm |
|---|---|---|
| **SMEi** | **100** | **31.12.2023** |
| **ERDF (EERE)** | **80** | **31.12.2023** |
| **ERDF** | **80** | **31.12.2023** |
| **EAFRD** | **75** | **31.12.2025** |
| **EMFF** | **75** | **31.12.2023** |
| **INTERREG Italja-Malta** | **85** | **31.12.2023** |
| **INTERREG MED** | **85** | **31.12.2023** |
| **ENI CBC MED** | **90** | **31.12.2023** |
| **Erasmus+** | **100** | **31.12.2024** |

Seduta 239
07/05/2024

**SEJĦA GĦAL KIRI TAR-RABA' VAPUR GĦALL-GOZO CHANNEL**

**18702. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess biex tinħareġ sejħa mill-Ministeru għal Għawdex 'for the hire of one ropax vessel under a time charter agreement (bimco ropaxtime)' biex jerġa' jinkera r-raba' vapur għall-Gozo Channel? Jista jgħid f'liema xahar u sena hu ppjanat li toħroġ din is-sejħa?

22/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa l-Gozo Channel qed tagħmel diskussjonijiet interni mad-dipartimenti kkonċernati dwar dan is-suġġett. Ladarba dawn id-diskussjonijiet ikunu ġew konklużi, jista' jibda l-proċess biex tinbeda sejħa ġdida għall-offerti.

Seduta 239
07/05/2024

**LOCAL PLANS TA' MALTA U GĦAWDEX**

**18703. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 6083 (tat-Tlettax-il Leġislatura li ġiet imwieġba fit-13 ta' Ġunju 2018) u 8737 dwar fiex wasal il-proċess biex jiġu riveduti l-Local Plans ta' Malta u Għawdex, fejn dakinhar kien ġie mwieġeb li "x-xogħol fuq ir-reviżjoni komprensiva tal-Pjanijiet Lokali kollha għal Malta u Għawdex kompla għaddej u issa qed ikun hemm focus fuq numru ta' issues li huma ta' natura aktar strateġika u li jinħtieġ ġbir ta' aktar informazzjoni u evalwazzjoni ta' options differenti u li l-Awtorità tal-Ippjanar għaddejja bi studji varji, meħtieġa għal reviżjoni tal-Local Plans", jista' l-Ministru jgħid x'sar f'dawn is-snin u x'inhu jsir fil-preżent u jekk il-Local Plans ta' Malta u ta' Għawdex humiex se jiġu riveduti matul is-sena 2024?

22/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interperllant li x-xogħol fuq ir-reviżjoni komprensiva tal-Pjanijiet Lokali kollha għal Malta u Għawdex għadu għaddej.

Seduta 239
07/05/2024

**IR-RABAT U L-GĦASRI (GĦAWDEX) – TRIQ WIED SARA – XOGĦLIJIET**

**18704. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jibdew u jkunu finalizzati x-xogħlijiet kollha fi Triq Wied Sara, bejn ir-Rabat u l-Għasri, peress li tinsab fi stat ħażin ħafna u ta' periklu għas-sewwieqa li jgħaddu minn din it-triq?

22/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tar-Rabat li dan ix-xogħol hu pjanat li jsir mill-Ministeru għal Għawdex.

Seduta 239
07/05/2024

**KERĊEM (GĦAWDEX) – TA' KLULA – BINI**

**18705. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess biex jinbnew mill-ġdid toroq ġewwa ta' Klula f'Ta' Kerċem permezz ta' fondi tal-Unjoni Ewropea mill-programmi ta' fondi ta' bejn is-snin 2014-2020 li ngħataw lill-Ministeru għal Għawdex ? Jista' jgħid ukoll f'liema xahar u sena hu ppjanat li jinbeda u jitlesta x-xogħol?

22/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sejħa għall-offerti għal dawn ix-xogħlijiet qiegħda tinħadem.

Seduta 239
07/05/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18780. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17423.

Seduta 239
07/05/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18781. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riforma u Djalogu Soċjali permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tas-Segretarjat tiegħu?

24/04/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17406.

Seduta 239
07/05/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18782. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riforma u Djalogu Soċjali permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tas-Segretarjat tagħha?

24/04/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17406.

Seduta 239
07/05/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18783. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tas-Segretarjat tagħha?

24/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17426.

Seduta 239
07/05/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18784. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tas-Segretarjat tagħha?

24/04/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17427.

Seduta 239
07/05/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18785. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tas-Segretarjat tiegħu?

24/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 17428.

Seduta 239
07/05/2024

**NSDF – TRANSFERABLE LOAN NOTE INSTRUMENT – KUMPANIJA IVOLUTA**

**18813. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għar-Rapport Annwali u l-Financial Statements tal-Fond Nazzjonali u Soċjali ta' Żvilupp (NSDF) għas-sena 2021, jista' l-Ministru jagħti l-isem tal-kumpanija involuta fit-Transferable Loan Note Instrument ('TLNI') ta' USD25 miljun, hekk kif hemm miktub f'paġna 49 tal-istess Rapport Annwali?

25/04/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jindirizza din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 239

07/05/2024

**NSDF – TRANSFERABLE LOAN NOTE INSTRUMENT – KUMPANIJA IVOLUTA**

**18814. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għar-Rapport Annwali u l-Financial Statements tal-Fond Nazzjonali u Soċjali ta' Żvilupp (NSDF) għas-sena 2021, tista' l-Ministru tagħti l-isem tal-kumpanija involuta fit-Transferable Loan Note Instrument ('TLNI') ta' USD25 miljun, hekk kif hemm miktub f'paġna 49 tal-istess Rapport Annwali?

25/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta 239
07/05/2024

**UNIVERSITÀ TA' MALTA - INGAĠĠ TA' LECTURERS FIL-FAKULTÀ TAL-LIĠI**

**18819. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 17816, 18188 u 18573 u jagħti, separatament, kemm-il ingaġġ ta':

a. lecturer fil-Fakultà tal-Liġi u
b. visiting lecturer fil-Fakultà tal-Liġi

għamlet l-Università ta' Malta mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari mingħajr sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet?

25/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li fl-Università ta' Malta ma kien hemm l-ebda ingaġġ ta' lecturers tal-Fakultà tal-Liġi jew ta' visiting lecturers tal-Fakultà tal-Liġi mingħajr sejħa pubblika.

Seduta 239
07/05/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - KONSULENTI**

**18820. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18594 u ċjoè: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 13893, 17705 u 18266 dwar konsulenti/advisors fil-Ministeru tiegħu, liema tweġiba ma tweġibx dak li ġie mistoqsi u peress li ħadd ma qed jikkontesta jekk dawn ġewx impjegati skont il-manwal indikat fit-tweġiba tal-mistoqsija 13893, jista' l-Ministru jgħid min huma l-konsulenti impjegati mill-Ministeru tiegħu u s-Segretarjat Parlamentari li jaqa' taħtu, kemm dawn jitħallsu, u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom?

25/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari13983.

Seduta 239
07/05/2024

**SERQ IRRAPPURTAT**

**18823. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il serqa ġiet irrappurtata matul is-sena 2023 separatament għal kull lokalità f'Malta u f'Għawdex? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont is-serq minn fejn sar, pereżempju minn residenza, karozza, fuq persuni, eċċ.?

25/04/2024
**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15060.

Seduta 239
07/05/2024

**SERQ IRRAPPURTAT**

**18824. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il serqa ġiet irrappurtata matul is-sena 2024 separatament għal kull lokalità f'Malta u f'Għawdex? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont is-serq minn fejn sar, pereżempju minn residenza, karozza, fuq persuni, eċċ.?

25/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 239
07/05/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - SERQ IRRAPPURTAT**

**18825. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il serqa ġiet irrappurtata fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar matul is-snin 2020, 2021, 2022, 2023 u 2024, separatament għal kull sena? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont is-serq minn fejn sar, pereżempju minn residenza, karozza, fuq persuni, eċċ.?

25/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' serq irrapportat f'San Pawl il-Baħar għas-snin 2020, 2021, 2022 u 2023 separatament għal kull sena, kien kif jidher fit-tabella li qiegħed npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra. Din tinkludi s-serq skond il-kategoriji kif mitlub mill-Onor. Interpellanta.

Seduta 239
07/05/2024

**IL-MELLIEĦA - SERQ IRRAPURTAT**

**18826. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il serqa ġiet irrappurtata fil-lokalità tal-Mellieħa matul is-snin 2020, 2021, 2022, 2023 u 2024, separatament għal kull sena? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont is-serq minn fejn sar, pereżempju minn residenza, karozza, fuq persuni, eċċ.?

25/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' serq irrapportat fil-Mellieħa għas-snin 2020, 2021, 2022 u 2023, separatament għal kull sena, kien kif jidher fit-tabella li qiegħed npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra. Din tinkludi s-serq skond il-kategoriji kif mitlub mill-Onor. Interpellanta.

Seduta 239
07/05/2024

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - POLICY DWAR ENCROACHMENTS**

**18836. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18493, jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-proċedura tal-Awtorità tal-Ippjanar meta jkollha talba għal encroachment? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx xi policy jew guidelines ta' kif titmexxa din it-talba?

25/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 239
07/05/2024
**KAŻ TA' GĦALLIEM - KOPJA TAL-WARRANT**

**18837. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18495, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-warrant tal-għalliem li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament?

25/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 239
07/05/2024

**QORTI – STRONG ROOM - OĠĠETTI NIEQSA**

**18838. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 18338 u 18626 fejn il-Ministru rreferieni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17750, peress illi f'din it-tweġiba ma hemmx l-informazzjoni mitluba, jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kulma ġie nieqes mill-istrong room tal-Qorti ta' Malta mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u jagħti lista sħiħa ta' dawn l-oġġetti li ġew nieqsa?

25/04/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi dwar din il-mistoqsija li qiegħed jagħmel ripetutament jien diġà tajt l-informazzjoni rilevanti illi fiċ-ċirkostanzi setgħet raġjonevolment tingħata.
Għalhekk, filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant ukoll għall-Ordni Permanenti 27(9) tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dwar ripetizzjoni ta' domandi, nerġa' nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 17750.

Seduta 239
07/05/2024

**ABBUŻ TAL-KANNABIS SINTETIKA**

**18839. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18627 dwar x'passi ser jittieħdu biex ma titkompliex issir ħsara fiżika minħabba l-abbuż tal-kannabis sintetika u fejn ġejt mitlub biex nirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat, jista' għaldaqstant il-Ministru jgħid jekk id-Dipartment tas-Saħħa Pubblika u l-Health Promotion jaqax taħt il-Ministeru tiegħu? Jekk iva, jista' jgħid x'inhu r-remit tagħhom?

25/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika hu parti mid-dekasteru tal-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva. Id-direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa jifforma parti mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.
Ir-responsabilitijiet tad-Dipartiment għas-Saħħa Pubblika joħorġu mill-Att dwar is-Saħħa, Kapitlu 528 tal-Liġijiet ta' Malta.

Seduta 239
07/05/2024

**KANNABIS SINTETIKA**

**18840. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'passi qed jieħu biex jindirizza l-abbuż tal-kannabis sintetika?

25/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 239
07/05/2024
**GĦALLIEMA KKWALIFIKATI U GĦALLIEMA SUPPLY**

**18853. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati għalliema kkwalifikati bħala għalliema u kemm għalliema kwalifikati irriżenjaw? Jista’ jgħid ukoll kemm ġew ingaġġati għalliema supply u kemm għalliema supply irriżenjaw?

25/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul din is-sena skolastika ġew ingaġġati 261 f’għalliema kwalifikati jew għalliema supply, filwaqt li rriżenjaw total ta’ 69 f’għalliema kwalifikati jew għalliema supply.

Seduta 239
07/05/2024

**EVICTION ORDERS ATTIVI**

**18854. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jippreżenta lista tal-eviction orders li għadhom attivi u li turi d-dati ta’ meta nħarġu dawn l-ordnijiet?

25/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f’seduta oħra.

Seduta 239
07/05/2024

**IL-QRENDI - KLINIKA TAL-KOMUNITÀ**

**18855. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta se tiftaħ il-Klinika tal-Komunità fil-Qrendi u x'servizzi se tkun qed toffri?

25/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18899.

Seduta 239
07/05/2024

**BCA - APPLIKAZZJONIJIET GĦAL CLEARANCE**

**18856. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18452 u jgħid kemm hemm applikazzjonijiet għal clearance mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) li għadhom ma ġewx deċiżi fil-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari li ilhom aktar minn sentejn, ilhom bejn sena u nofs u sentejn, ilhom bejn sena u sena u nofs, ilhom bejn sitt xhur u sena, ilhom bejn tliet xhur u sitt xhur u li ilhom tliet xhur li ġew sottomessi?

25/04/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni disponnibli hija biss għal applikazzjonijiet għal clearance li jaqgħu taħt Regolament 4 u Regolament 6 tal-LS 623.06.

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra din l-informazzjoni, kif ukoll in-numru ta' clearances maħruġa mill-Awtorità mill-2022.

Seduta 239
07/05/2024
**ĦAS SAPTAN, ĦAL GĦAXAQ - TENDER P.D.2022_0101**

**18857. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18502 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra il-file numru E/0026/2002/1/0010 relatat mal-art bin-numru: E270558 (P.D.2022_0101) f'Ħas-Saptan, Ħal Għaxaq u l-kuntratt u s-segwenti emendi, jekk applikabbli, li ġie ffirmat meta ngħata t-tender relatat illi juri l-kundizzjonijiet kollha li għandhom jinżammu minn min rebaħ it-tender?

25/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 239
07/05/2024

**TIPPING FEES - NEFQA**

**18858. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi kemm kienet in-nefqa kull sena għat-tipping fees minn kull Gvern Lokali rispettiv, mis-sena 2019 sas-sena 2023, maqsuma lokalità lokalità?

25/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba u mgħoddija lili.

Seduta 239
07/05/2024

**ĦAL QORMI - TRIQ AMLETO SPITERI - SEWQAN PERIKOLUŻ – MIŻURI**

**18874. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri jistgħu jittieħdu minħabba sewqan perikoluż fi Triq Amleto Spiteri, f'Ħal Qormi?

26/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Qormi li ma ttieħdu ebda miżuri dwar trażżin ta' sewqan perikoluż fi Triq Amleto Spiteri minħabba li ma rċeviex ilmenti ta' dan it-tip.

Seduta 239
07/05/2024

**ĦAL QORMI - TRIQ AMLETO SPITERI - SEWQAN PERIKOLUŻ – MIŻURI**

**18875. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri jistgħu jittieħdu minħabba sewqan perikoluż fi Triq Amleto Spiteri, f'Ħal Qormi?

26/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-Pulizija kif ukoll uffiċjali tal-Aġenzija LESA, iwettqu ir-ronda fil-lokalitajiet pubbliċi kollha, inkluż it-triq imsemmija mill-Onor. Membru, u dan bi skop li joħonqu u

jrażżnu kull tip ta' kontravenzjoni li jiltaqgħu magħha. Din il-kwistjoni ser tiġi mwassla wkoll f-forum oħra organizzati mal-pulizija u l-LESA, inkluż mal-Kunsill Lokali u Transport Malta biex jekk ikun hemm lok ta' aktar azzjoni, din issir.

Seduta 239
07/05/2024

**ĦAL QORMI - TRIQ AMLETO SPITERI - SEWQAN PERIKOLUŻ – MIŻURI**

**18876. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri jistgħu jittieħdu minħabba sewqan perikoluż fi Triq Amleto Spiteri, f'Ħal Qormi?

26/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din il-mistoqsija oarlamentari għandha tintbagħat lill-Ministeru kkonċernat.
Seduta 239
07/05/2024

**DJAR TAL-ANZJANI - LINJI GWIDA**

**18882. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk jeżistux kriterji jew linji gwida miktuba sabiex anzjani li jkollhom jidħlu f'dar tal-anzjani jiġu rikoverati fl-aktar dar tal-anzjani viċin id-dar fejn kienu jgħixu u dan sabiex kemm jista' jkun l-anzjani jibqgħu fil-komunità li fiha kienu jgħixu?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma hemmx kriterji jew linji gwida miktuba dwar dan iżda din hija prattika li tinżamm fejn hu possibli, jiddependi mis-sodod disponibbli u skont id-dipendenza tal-anzjan/i.
Seduta 239
07/05/2024

**VETTURI BIL-Y-PLATES - PERMESSI**

**18890. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18126, jista' l-Ministru jikkonferma li ma nħarġux permessi għal-liċenzja tal-operatur għal servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar (Y-plates), li fihom is-sit dikjarat mill-operatur fejn se jiġu ggaraxxjati l-vetturi mhuwiex parkeġġ ta' supermarket?

29/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lil Onor. Interpellant illi permessi għal-liċenzja tal-operatur għal servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar dejjem inħarġu skont il-provvedimenti tal-L.S. 499.68.
Seduta 239
07/05/2024

**VETTURI BIL-Y-PLATES – OPERATURI LI GĦANDHOM INQAS MINN ĦAMES VETTURI**

**18891. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kif ser jagħti serħan il-moħħ lill-operaturi bil-liċenzja għal servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar (Y-plates), li operaturi li għandhom inqas minn ħames vetturi mhux se jerġa' jidħol l-obbligu għal Public Service Garage aktar tard matul din is-sena, u li l-avviż legali preżenti ser jibqa' fis-seħħ u ċjoè li l-Public Service Garage jkun obbligat biss għall-operaturi kbar b'ħames vetturi jew aktar?

29/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-provvedimenti tal-avviż legali jniedu li l-operaturi għal servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri b' vetturi zgħar (Y-plates) għandhom jaraw li l-faċilità fejn jiġu ggaraxxjati dawn it-tip ta' vetturi hija koperta bil-permessi rilevanti tal-awtorità tal-ippjanar. Fil-każ tal-operaturi li għandhom 5 vetturi jew aktar, għandhom jipprovdu kopja tal-permess ta' żvilupp relattiv li japprova l-użu tal-faċilità tal-iggaraxxjar.
Seduta 239
07/05/2024

**VETTURI BIL-'GY' U 'LY' PLATES – OPERATURI**

**18892. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13187, jista' l-Ministru jaġġorna l-lista sħiħa tal-pjanċi tal-vetturi li jispiċċaw bl-ittri 'GY' u 'LY' u jagħti din l-informazzjoni aġġornata sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u f'kull każ jgħid ma' liema Liċenzja ta' Operatur (skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.68) huma reġistrati?

29/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Il-vetturi fil-lista mmarkati bil-kulur ġriż, huma vetturi ggaraxxjati jew bil-liċenzja taċ-ċirkulazzjoni skaduta minn qabel id-dħul fis-seħħ tal-legislazzjoni sussidjarja 499.68.

Seduta 239
07/05/2024

**PULIZIJA - BREATHALYZERS**

**18893. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm breathalyzers li jistgħu jagħmlu użu minnhom il-Pulizija, u kif dawn ġew mixtrija jew mogħtija?

29/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi hemm tmintax (18) -il breathalyzer unit li jintużaw mid-Distretti u sezzjonijiet oħra tal-Korp tal-Pulizija. Sbatax minnhom ġew mogħtija u waħda ġiet mixtrija.

Seduta 239
07/05/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL – PAZJENTI F'HOMES**

**18906. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-pazjenti tal-Isptar Mount Carmel li qed jiġu trasferiti f'homes hux qed isibu problemi peress li l-kmamar tagħhom mhumiex attrezzati għad-diffikultajiet li huma għandhom?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li parti mill-istrateġija tas-Saħħa Mentali, pazjenti bi problemi kroniċi tas-saħħa mentali għandhom kemm jista jkun jirċievu kura ġewwa l-komunità. Għaldaqstant, pazjenti li għaddew minn valutazzjoni u li ġew meqjusa stabbli ġew rilokati f'residenzi tal-komunità mgħammra biex jindirizzaw ir-rekwiżiti kliniċi tagħhom.

Seduta 239
07/05/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL – SPTAR ĠDID**

**18907. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-gvern għadux bil-pjan li ma jibnix sptar ġdid meta jaf li l-Isptar Mount Carmel qed jiffaċċja problemi strutturali kbar?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Kif diġa spjegajt kemm f'dan il-Parlament kif ukoll barra, il-pjan hu li fejn hu possibbli u fuq parir tal-professjonisti, il-persuni b'problemi ta' saħħa mentali għandhom ikomplu jieħdu l-kura fil-kommunità dejjem taħt is-sorveljanza kontinwa tal-professjonisti. Ġewwa l-Isptar Mater Dei, ser ikun hemm żona bl-iktar mezzi moderni u tal-aħħar teknologija biex tingħata kura lill-pazjenti bi problemi akuti fis-saħħa mentali.

Seduta 239
07/05/2024

**PRODOTTI GĦAL PERSUNI DIPENDENTI FUQ IL-PEG**

**18908. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalità ta' shakes qed jingħataw lil dawk li jgħixu fuq il-PEG feeding?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16982.
Seduta 239
07/05/2024

**PRODOTTI GĦAL PERSUNI DIPENDENTI FUQ IL-PEG - TOGĦMIET**

**18909. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk ix-shakes li qed jingħataw lil min hu fuq il-PEG feeding hux qed ikollhom togħmiet ta' vanilla jew natural?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W120.
Seduta 239
07/05/2024

**MEDIĊINA NEXIUM**

**18910. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-mediċina NEXIUM hijiex out of stock?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li bħalissa qed jitqassmu omeprazole bħala pilloli u esomeprazole bħala infużjoni u l-ebda waħda minnhom ma hi 'out of stock'.
Seduta 239
07/05/2024

**PERSUNI DIPENDENTI FUQ IL-PEG – MEDIĊINA**

**18911. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed tiġi importata mediċina għall-aċtu tal-istonku biex titqassam lil min jgħix fuq il-PEG feeding flok il-mediċina NEXIUM?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18910.
Seduta 239
07/05/2024

**IVF – RIMBORS**

**18925. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min hu intitolat għal rimbors tas-sessjonijiet u trattamenti relatati mal-IVF għal dawk li jkunu siefru barra minn Malta?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-estensjoni tar-rimbors tal-mediċini tal-IVF hija għal dawk il-ġenituri prospettivi li għamlu l-proċedura fil-kliniċi privati liċenzjati f'Malta, kif approvati mill-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijun.

Seduta 239
07/05/2024

**ADOZZJONI – VALUR MONETARJU**

**18926. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu l-valur monetarju li jingħataw koppji li jkunu addottaw tifel/tifla minn barra l-pajjiż?

29/04/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 239
07/05/2024

**NUQQAS TA' ĦRIEQI**

**18927. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'qed iwassal biex regolarment qed ikun hawn nuqqas ta' ħrieqi bl-aħħar każijiet ikunu tal-pull-ups size large f'April 2024?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li SVP għandhom provvista biżżejjed ta' ħrieqi fi kwalunkwe daqs, u ma rċevew l-ebda lment. L-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità tinsab infurmatha li l-kuntrattur qed jiltaqa' ma' diffikultajiet biex iġib provvista adekwata ta' ħrieqi u qed jaħdem biex din is-sitwazzjoni tiġi għan-normal mill-aktar fis.

Seduta 239
07/05/2024

**APPLIKAZZJONI TA' UN/LOADING**

**18934. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18754, jista' l-Ministru jgħid jekk l-applikazzjoni ta' un/loading li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, għadhiex pendenti?

29/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bi ftehim mal-applikant, Transport Malta approvat l-imsemmija un/loading bay u ser tkun qed tiġi implimentata.

Seduta 239
07/05/2024

**ĊENTRU TA' RIŻORSI GUARDIAN ANGEL - PERSUNI LI JIFFURMAW PARTI MIT-TMEXXIJA**

**18936. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min huma dawk il-persuni li jiffurmaw parti mit-tmexxija taċ-Ċentru ta' Riżorsi Guardian Angel? Jista' jgħid ukoll x'inhu r-rwol ta' kull persuna?

29/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'mod temporanju, l-iskola msemmija qed titmexxa mic-Centre Coordinator bl-assistenza tal-Prinċipali. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li għaddejin il-proċeduri neċessajri sabiex jiġu maħtura l-Kap u l-Assistent Kap għal din l-iskola.

Seduta 239
07/05/2024

**INĊENTIV GĦAL KOPPJI BIEX IKOLLHOM IT-TFAL**

**18944. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7182 u jgħid jekk hemmx ħsieb li l-Gvern jinċentiva l-koppji biex ikollhom iktar tfal?

30/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kwistjoni tar-rata tal-fertilità tmur ferm lil hinn minn kwalunkwe għajnuna finanzjarja li tingħata u tmiss ma' diversi oqsma inter-settorjali. Dan m'huwiex biss fenomenu f'Malta iżda fl-Ewropa kollha u f'diversi pajjiżi madwar id-dinja, speċjalment fil-pajjiżi żviluppati.

Matul l-2023, f'benefiċċji soċjali biss f'Malta ngħataw aktar minn €107m lil familji bit-tfal jew 8.2% tal-investiment soċjali kollu li jsir f'pensjonijiet u benefiċċji soċjali. Dan minbarra ovvjament benefiċċji u servizzi oħra li jingħataw fl-oqsma tal-edukazzjoni, saħħa u ħarsien soċjali fost oħrajn.

Matul dis-sena komplew jiddaħħlu aktar miżuri favur il-familja bħaż-żieda ta' €250 kull wild fic-Children Allowance u €50 oħra għal kull wild fl-In-Work benefit, il-ħlas ta' €500 għal twelid jew adozzjoni tal-ewwwel wild u €1,000 għat-tieni wild jew aktar, l-għotja ta' €500 għal 3 snin wara xulxin lill-ġenituri li uliedhom ikomplu jistudjaw wara l-edukazzjoni sekondarja, u t-titjib sostanzjali li għamilna fil-Benefiċċju Addizzjonali għall-Ogħli tal-Ħajja li jvarja fost oħrajn skont kemm tkun kbira l-familja.

Inżid ninforma lill-Onor. Interpellant li barra minn hekk il-Ministeru qed ifassal Pjan Soċjali għall-Familji u bħal issa għaddej bil-preparamenti meħtieġa sabiex titnieda l-konsultazzjoni pubblika. Ir-rata tal-fertilità hija waħda mit-temi ewlenin li se jkun qed jindirizza dan il-pjan.

Dan il-Pjan se jkompli jwettaq il-Viżjoni Socjali 2035 u jibni ukoll fuq il-Qafas ta' Politika għat-Tfal 2024-2030, fejn il-familja hija waħda mill-prioritajiet ewlenin identifikati f'dan il-Qafas. L-inċentivi finanzjari pprovduti lil familji minn dan il-Ministeru jiffurmaw parti minn din id-direzzjoni strateġika sabiex nkomplu nappoġġjaw dejjem aktar lill-familji.

Seduta 239
07/05/2024

**AĠENZIJA APPOĠĠ U SEDQA - KAŻIJIET PENDENTI**

**18945. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7738 u jgħid fil-preżent kemm hemm każijiet pendenti fl-Aġenzija Appoġġ u fl-Aġenzija Sedqa?

30/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.
Seduta 239
07/05/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - ĦADDIEMA FIRST AIDERS**

**18946. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7870 u jgħid kemm għandu impjegati, fid-dekasteru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, li huma First Aiders?

30/04/2024
**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 239
07/05/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**18947. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9098 u jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

30/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 239
07/05/2024

**DIPARTIMENT TAS-SIGURTÀ SOĊJALI – ĦLAS TA' BOLOL**

**18948. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10330 u jgħid kemm tħallsu bolol tas-Sigurtà Nazzjonali, b'sena b'sena, bejn l-2012 u l-2022?

30/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif qed tkun preżentata fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 239
07/05/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – SPIŻA TAT-TELEPHONE B'LINJA FISSA U MOBILE**

**18949. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10328 u jgħid kemm kienet l-ispiża, sena b'sena, mill-2012 sal-2022 tat-telephone b'linja fissa u mobile fid-dekasteru tiegħu?

30/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 239
07/05/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR – ŻONA TAL-GĦAŻŻENIN - MANUTENZJONI**

**19009. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jara li jkun hemm aċċess sigur lejn il-bajja fiż-żona magħrufa Tal-Għażżenin, f'San Pawl il-Baħar, hekk kif, fost affarijiet oħra, it-taraġ jenħtieġlu manutenzjoni?

30/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 239
07/05/2024

**FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAULE - ENTITAJIET LI JIPPROVDU L-IKEL LIR-RESIDENTI**

**19013. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18869 u jgħid min huma l-entitajiet li jipprovdu l-ikel lir-residenti fil-Faċilità San Vinċenz de Paule? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti relattivi u jgħid ukoll kemm hu l-valur ta' kull kuntratt u t-terminu tiegħu?

30/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil Onor. Interpellant li l-informazzjoni li qed tintalab, hija kummerċjalment sensittiva.

Seduta 239
07/05/2024

**STABBILIMENTI LI GĦANDHOM LIĊENZJA TA' LUKANDA**

**19048. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista sħiħa ta' dawk l-istabbilimenti li għandhom liċenzja ta' lukanda f'Malta u f'Għawdex u għal kull liċenzja jagħti:

i. L-isem tal-lukanda;
ii. Il-lokalità li tinsab fiha;
iii. In-numru ta' kmamar/sodod liċenzjati;
iv. Il-kategorija (i.e. numru ta' stilel);
v. Is-sena li fiha nħarġet il-liċenzja?

02/05/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 239
07/05/2024

**ELEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILLI LOKALI - DJAR TAL-ANZJANI**

**19057. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid liema huma d-djar tal-anzjani li fihom se jkunu qed isiru l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilli Lokali fl-1 ta' Ġunju 2024?

02/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil Onor. Interpellant biex jindirizza din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 239
07/05/2024

**ANZJANI - KORSIJIET TAL-IT**

**19058. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-provvista ta' korsijiet tal-IT lill-anzjani matul din is-sena? Jista' jgħid ukoll min hu eliġibbli li jattendi għal dawn il-korsijiet u fejn qed isiru dawn il-korsijiet?

02/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din is-sena kien hemm diversi taħriġ tal-IT għall-anzjani, fosthom taħriġ mill-FITA u taħriġ mill-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità dwar l-użu tal-IT u s-Saħħa Mentali. Dan tal-aħħar ġie mġedded il-ftehim li kien ġie eżawrit fl-aħħar tas-sena l-oħra u qed titħejja skeda biex jibdew isiru l-programmi fil-ġimgħat li ġejjin.
Matul din is-sena qed isiru wkoll korsijiet mill-FITA f'dawn il-lokalitajiet, uħud minnhom għadhom se jsiru sal-aħħar tas-sena:

- Ċentru għall-Anzjanità Attiva Ħad Dingli
- Ċentru għall-Anzjanità Attiva Birżebbuġa
- Ċentru għall-Anzjanità Attiva Santa Luċija
- Ċentru għall-Anzjanità Attiva San Pawl il-Baħar
- Ċentru għall-Anzjanità Attiva Sta. Venera
- Ċentru għall-Anzjanità Attiva Tas-Sliema
- Ċentru għall-Anzjanità Attiva Birkirkara
- Ċentru għall-Anzjanità Attiva Ħal Qormi
- Ċentru għall-Anzjanità Attiva l-Marsa
- Ċentru għall-Anzjanità Attiva ż-Żurrieq

Dawn il-programmi huma miftuħa għall-anzjani kollha li għandhom 'il fuq minn 60 sena.
Seduta 239
07/05/2024

**POLITIKA STRATEĠIKA NAZZJONALI GĦALL-ANZJANITA' ATTIVA 2023 – 2030 - KENN TA' BIL-LEJL**

**19059. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kif se jkun qed iwettaq l-espansjoni tas-servizzi ta' kenn ta' bil-lejl imsemmija bħala waħda mill-miri fil-Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva 2023 – 2030?

02/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħala inizjattiva biex jiżdiedu s-sodod għas-servizz ta' kenn għal matul il-lejl, ma kull kuntratt ta' xiri ta' sodod fid-djar privati, l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità qed tirriserva sodod biex jintużaw għal dan is-servizz.

Seduta 239
07/05/2024

**POLITIKA STRATEĠIKA NAZZJONALI GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA 2023 – 2030 - ESPERT DWAR L-ANZJANITÀ LGBTIQ+**

**19060. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-inizjattiva mniżżla fil-Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva 2023 – 2030 sabiex ikollna espert dwar l-anzjanità LGBTIQ+ fil-Kummissjoni Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva twettqitx? Jekk le, jista' jgħid meta se tkun imwettqa?

02/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Anzjanita' Attiva wasal biex jerġa' jiġi maħtur fl-aħħar ta dan ix-xahar. F'dan ir-rispett wieħed mil-membri li ħa jkun maħtur ser jkun espert dwar l-anzjanità LGBTIQ+.

Seduta 239
07/05/2024

**AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU - ATTIVITAJIET**

**19069. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-bars u stands li jittellgħu għal attivitajiet relatati mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) jintgħażlux permezz ta' ħruġ ta' tenders? Jekk le, għaliex u kif fil-fatt jintgħażlu?

02/05/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ma talloka l-ebda "bars u stands" fl-avvenimenti tagħha jew dawk li tassisti.

Seduta 239
07/05/2024
**SPORTMALTA U L-KUNTRATTUR TAX-SHOOTING RANGE - FTEHIM**

**19071. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18518, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumenti kollha rilevanti tal-ftehim bejn SportMalta u l-kuntrattur tax-Shooting Range, billi dawn ma kenux kompleti?

03/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 239
07/05/2024

**KOTBA MOGĦTIJA LILL-ISTUDENTI**

**19072. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma t-titoli tal-kotba li ġew mogħtija lill-istudenti reċentement kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż?

03/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 239
07/05/2024

**IL-FGURA – PROBLEMI FIL-KANTUNIERA BEJN TRIQ IL-KAMPANELLA U TRIQ IL-KARMELITANI**

**19073. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 24300 u 24302 li saru fit-13-il Leġiżlatura, jista' l-Ministru jgħid jekk fil-frattemp sarux spezzjonijiet neċessarji fil-problemi li hemm fil-kantuniera bejn Triq il-Kampanella u Triq il-Karmelitani, il-Fgura senjatament f'din it-triq billi hemm partijiet li ser jisfrundaw internament fil-garaxxijiet ta' terzi?

03/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jien infurmat li minn spezzjoni viżwali li saret matul il-jiem li għaddew ma jidhirx li hemm ħsarat fil-post imsemmi. Ser ikunu qed jerġgħu isiru spezzjonijiet oħrajn kif meħtieġ.

Seduta 239
07/05/2024